REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1533/2007

tas-17 ta' Diċembru 2007

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 u (KE) Nru 41/2007, rigward l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004 tas-26 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi miżuri għall-irkuprar ta' l-istokkijiet ta' merluzz ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 ([3]) jistabbilixxi għall-2007 u l-2008 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Komunità għal ċerti ħażniet ta' ħut li jgħixu fil-baħar fond.

(2) Il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku (NEAFC) fil-laqgħa straordinarja tagħha f'Ġunju 2007 iddeċidiet li testendi r-rakkomandazzjonijiet dwar projbizzjoni fuq is-sajd għall-Orange roughy fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC matul it-tieni nofs ta' l-2007. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu implimentati fil-liġi Komunitarja.

(3) Il-kondizzjonijiet li japplikaw għas-sajd f'ċerti żoni jeħtieġ li jiġu ċċarati sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-Ftehim tad-19 ta' Diċembru 1966 bejn in-Norveġja, id-Danimarka u l-IŻvezja dwar l-aċċess reċiproku għas-sajd fl-Iskagerrak u l-Kattegat. Għalhekk jeħtieġ li ssir emenda.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 41/2007 ([4]) jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċertu ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid.

(5) Wara konsultazzjonijiet bejn il-Komunità u l-Islanda fit-28 ta' Marzu 2007, intlaħaq arranġament dwar il-kwoti għall-bastimenti Islandiżi li jistgħu jinqabdu mill-kwota Komunitarja li ġiet allokata skond il-Ftehim tagħha mal-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Groenlandja qabel it-30 ta' April 2007 u għal bastimenti Komunitarji li jistadu għar-Redfish fiż-Żona Ekonomika Esklussiva ta' l-Islanda bejn Lulju u Diċembru. Dan l-arranġament għandu jiġi implimentat fil-liġi Komunitarja.

(6) Il-kondizzjonijiet li japplikaw għas-sajd f'ċerti żoni għal għadd ta' TACs jeħtieġ li jiġu ċċarati sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-Ftehim tad-19 ta' Diċembru 1966 bejn in-Norveġja, id-Danimarka u l-IŻvezja dwar l-aċċess reċiproku għas-sajd fl-Iskagerrak u l-Kattegat. Għalhekk jeħtieġ li ssir emenda.

(7) Fir-rigward ta' l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti ([5]), għandu jiġi ċċarat l-istatus xjentifiku ta' ċerti ħażniet.

(8) Skond ir-Regolament (KE) Nru 847/96, meta aktar minn 75 % tat-TAC prekawzjonali tiġi utilizzata qabel il-31 ta' Ottubru tas-sena ta' l-applikazzjoni tagħha, Stat Membru bi kwota għall-ħażna li għaliha tkun ġiet ifissata t-TAC jista' jitlob żieda fit-TAC. Talba bħal cin mill-Olanda tqieset bħala ġustifikata fir-rigward tal-Barbun Imperjali u l-Partun fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV u għandha tiġi implimentata.

(9) Wara konsultazzjonijiet bil-miktub bejn il-Komunità u l-Gżejjer Faroe, intlaħaq qbil dwar l-aċċess fir-rigward ta' l-Aringi fl-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali taż-żoni I u II ta' l-ICES. Dan l-arranġament għandu jiġi implimentat fil-liġi Komunitarja.

(10) Skond il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija għas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Groenlandja ([6]), ammont addizzjonali ta' ħalibatt ta' Greenland ġie allokat lill-Komunità fil-Lvant tal-Groenlandja fl-2007. Dan l-arranġament għandu jiġi implimentat fil-liġi Komunitarja.

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 70, 9.3.2004, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 441/2007 (ĠU L 104, 21.4.2007, p. 28).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa għall-2007 u l-2008 l-opportunitajiet ta' sajd ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji għal ċerti stokkijiet tal-baħar fond (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 28). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 754/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 26).

([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid (ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1.) Ir-Regolament tal-Kummissjoni kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 898/2007 (ĠU L 196, 28.7.2007, p. 22).

([5]) ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

([6]) ĠU L 172, 30.6.2007, p.4.

(11) Il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal ta' l-Atlantiku (NEAFC) fil-laqgħa straordinarja tagħha f'Ġunju 2007 adottat rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC fl-2007 għar-Redfish f'ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II ta' l-ICES. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu implimentati fil-liġi Komunitarja.

(12) Il-kondizzjonijiet għal bastimenti ssostitwiti jew irtirati fir-rigward ta' l-allokazzjoni ta' jiem addizzjonali għall-waqfien permanenti ta' l-attivitajiet tas-sajd għandhom jiġu ċċarati, peress li r-referenza għal ċerti bastimenti kkonċernati mil-limitazzjonijiet ta' l-isforz tas-sajd hija indikata b'mod inkorrett.

(13) Id-deroga mill-ħtiġiet ta' tnissil fl-Annessi IIA, IIB u IIC għar-Regolament (KE) Nru 41/2007 għal bastimenti mgħammra b'sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti fir-rigward tal-messaġġi dwar l-isforzi tas-sajd għandha tiġi ċċarata.

(14) It-titolu ta' l-Anness IIB għar-Regolament (KE) Nru 41/2007 għandu jiġi korrett sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' l-ambitu ta' dak l-Anness.

(15) L-indikazzjoni tat-tul ta' l-irkaptu passiv għandu jinbidel minn 2.5 kilometri għal 5 mili nawtiċi sabiex jiġi żgurat li s-sikurezza fil-manipular tax-xbieki ma tkunx imxekkla fid-dawl tar-regoli eżistenti għall-immarkar u l-identifikazzjoni ta' rkaptu tas-sajd passiv fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 356/2005 ta' l-1 ta' Marzu 2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-immarkar u l-identifikazzjoni ta' rkaptu tas-sajd passiv u xbieki tat-tkarkir bit-travu [1] u ċerti regoli speċifiċi dwar l-użu ta' l-għeżula tal-garġi.

(16) Ir-Regolamenti (KE) Nru 2015/2006 u (KE) Nru 41/2007 għandhom għaldaqstant jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 2015/2006

Il-Parti 2 ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2015/2006 għandha tiġi emendata skond Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 41/2007

Ir-Regolament (KE) Nru 41/2007 huwa b' dan emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 10 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

Limiti ta' l-aċċess

1. L-ebda sajd minn bastimenti tal-Komunità m'għandu jsir fi Skagerrak fil-limiti ta' 12-il mil nawtiku mil-linji bażi tan-Norveġja. Madankollu, il-bastimenti li jtajru l-bandiera tad-Danimarka jew l-IŻvezja għandhom jitħallew jistadu sa erba' mili mil-linji bażi tan-Norveġja.

2. Is-sajd b'bastimenti tal-Komunità fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Islanda għandu jkun limitat għaż-żona definita bil-linji dritti li sekwenzjalment jgħaqqdu l-koordinati li ġejjin:

Żona tal-Lbiċ

1. 63°12′N u 23°05′W minn 62°00′N u 26°00′W,

2. 62°58′N u 22°25′W,

3. 63°06′N u 21°30′W,

4. 63°03′N u 21°00′W minn hemm 180°00′S;

Żona tax-Xlokk

1. 63°14′N u 10°40′W,

2. 63°14′N u 11°23′W,

3. 63°35′N u 12°21′W,

4. 64°00′N u 12°30′W,

5. 63°53′N u 13°30′W,

6. 63°36′N u 14°30′W,

7. 63°10′N u 17°00′W minn hemm 180°00′S."

(2) L-Annessi IA, IB, IIA, IIB, IIC u III għar-Regolament (KE) Nru 41/2007 għandhom jiġu emendati skond l-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 56, 2.3.2005, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1805/2005 (ĠU L 290, 4.11.2005, p. 12).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
J. SILVA

ANNESS I

Fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2015/2006, il-Parti 2 hija b' dan emendata kif ġej:

(1) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Roundnose grenadier fiż-żona IIIa ta' l-ICES u fl-ilmijiet Komunitarji ta' ta' IIIbcd għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Roundnose grenadier *Coryphaenoides rupestris*	**Żona:**	IIIa u l-ilmijiet Komunitarji ta' IIIbcd

Sena	2007	2008
Danimarka	1 002	946
Ġermanja	6	5 [1]
Żvezja	52	49
KE	1 060	1 000

[1] Il-kwota tista' tinstad fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIIa, IIIb, IIIc u IIId ta' l-ICES biss."

(2) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Orange roughy fiż-żona VI ta' l-ICES (ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Orange roughy *Hoplostethus atlanticus*	**Żona:**	VI (ilmijiet Komunitarji)

Sena	2007	2008
Spanja	6	4
Franza	33	22
Irlanda	6	4
Renju Unit	6	4
KE	51	34"

(3) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Orange roughy fiż-żona VII ta' l-ICES (ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Orange roughy *Coryphaenoides rupestris*	**Żona:**	VII (ilmijiet Komunitarji)

Sena	2007	2008
Spanja	1	1
Franza	147	98
Irlanda	43	29
Renju Unit	1	1
Oħrajn [1]	1	1
KE	193	130

[1] Esklussivament għal qabdiet inċidentali. Mhux permess sajd dirett taħt din il-kwota."

(4) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi ta' Orange roughy fl-ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' żoni I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XI, XII u XIV ta' ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Speċi:	Orange roughy *Hoplostethus atlanticus*	**Żona:**	L-ilmijiet Komunitarji ta' I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XI, XII u XIV

Sena	2007	2008
Spanja	4	3
Franza	23	15
Irlanda	6	4
Portugall	7	5
Renju Unit	4	3
KE	44	30"

ANNESS II

L-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 41/2007 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness IA:

(a) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Lipp fiż-żona IIIa ta' l-ICES u l-ilmijiet tal-KE fiż-żoni IIIb, IIIc u IIId ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Lipp *Molva molva*	**Żona:**	IIIa; l-ilmijiet tal-KE ta' IIIb, IIIc u IIId LIN/03.
Belġju	8 (1)	TAC Prekawzjonali L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
Danimarka	62		
Ġermanja	8 (1)		
Żvezja	24		
Renju Unit	8 (1)		
KE	109		

(1) Il-kwota tista' tinstad fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIIa, IIIb, IIIc u IIId ta' l-ICES biss."

(b) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Awwista tan-Norveġja fiż-żona IIIa ta' l-ICES u fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIIb, IIIc u IIId ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Awwista tan-Norveġja *Nephrops norvegicus*	**Żona:**	IIIa; l-ilmijiet tal-KE ta' IIIb, IIIc u IIId NEP/3A/BCD
Danimarka	3 800	TAC Analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
Ġermanja	11 (1)		
Żvezja	1 359		
KE	5 170		
TAC	5 170		

(1) Il-kwota tista' tinstad fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIIa, IIIb, IIIc u IIId ta' l-ICES biss."

(ċ) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Awwista tan-Norveġja fiż-żona VII ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Awwista tan-Norveġja *Nephrops norvegicus*	**Żona:**	VII NEP/07.
Spanja	1 509	TAC Analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
Franza	6 116		
Irlanda	9 277		
Renju Unit	8 251		
KE	25 153		
TAC	25 153"		

(d) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Awwista tan-Norveġja fiż-żona VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Awwista tan-Norveġja *Nephrops norvegicus*	**Żona:**	VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe NEP/8ABDE.
Spanja	259	TAC Analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
Franza	4 061		
KE	4 320		
TAC	4 320"		

(e) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi ta' Barbun Imperjali u Partun fl-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Barbun Imperjali u Partun *Psetta maxima* u *Scopthalmus rhombus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV T/B/2AC4-C
Belġju	386	TAC Prekawzjonali L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
Danimarka	825		
Ġermanja	211		
Franza	99		
Olanda	2 923		
Żvezja	6		
Renju Unit	813		
KE	5 263		
TAC	5 263"		

(f) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Lingwata komuni fiż-żona IIIa ta' l-ICES u fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIIb, IIIc u IIId ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Lingwata komuni *Solea solea*	**Żona:**	IIIa, l-ilmijiet tal-KE ta' IIIb, IIIc u IIId SOL/3A/BCD
Danimarka	755	TAC Analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
Ġermanja	44 [1]		
Olanda	73 [1]		
Żvezja	28		
KE	900		
TAC	900		

[1] Il-kwota tista' tinstad fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIIa, IIIb, IIIc u IIId ta' l-ICES biss."

(g) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Mazzola griża fiż-żona IIIa ta' l-ICES; fl-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Mazzola griża *Squalus acanthias*	**Żona:**	IIIa; l-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV DGS/135X14
KE	2 828 (1)	TAC Prekawzjonali L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
TAC	2 828		

(1) Id-Danimarka u l-IŻvezja biss jistgħu jistadu fl-ilmijiet Norveġiżi taż-żona IIIa ta' l-ICES"

(h) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Norway pout fiż-żona IIIa ta' l-ICES u fl-ilmijiet Komunitarji taż-żoni IIa u IV ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Norway pout *Trisopterus esmarki*	**Żona:**	IIIa; l-ilmijiet tal-KE ta' IIa u IV NOP/2A3A4.
Danimarka	0	TAC Analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
Ġermanja	0 (1)		
Olanda	0 (1)		
KE	0		
Norveġja	1 000 (2) (3)		
TAC	Mhux rilevanti		

(1) Il-kwota tista' tinstad fl-ilmijiet tal-KE taż-żoni IIa, IIIa, u IV ta' l-ICES biss.
(2) Din il-kwota tista' tinstad fiż-żona ta' l-ICES VIa fit-Tramuntana ta' 56° 30' N.
(3) Bħala qabdiet inċidentali biss."

2) Fl-Anness IB:

(a) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Aringi fl-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali taż-żoni I u II ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Aringi *Clupea harengus*	**Żona:**	Ilmijiet tal-KE u dawk Internazzjonali ta' I u II HER/1/2.
Belġju	30	TAC Analitiku L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
Danimarka	28 550		
Ġermanja	5 000		
Spanja	94		
Franza	1 232		
Irlanda	7 391		
Olanda	10 217		
Polonja	1 445		
Portugall	94		
Finlandja	442		
Żvezja	10 580		
Renju Unit	18 253		
KE	83 328		
Norveġja	74 995 (1)		
Gżejjer Faroe	10 834 (1)		
TAC	1 280 000		

Kondizzjonijiet speċjali:

Fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jittieħdu aktar mill-kwantitajiet imniżżla hawn taħt miż-żoni speċifikati:

	L-ilmijiet Norveġiżi fit-Tramuntana ta' 62° N u ż-żona ta' sajd madwar Jan Mayen (HER/*2AJMN)
Belġju	30 (2)
Danimarka	28 550 (2)
Ġermanja	5 000 (2)
Spanja	94 (2)
Franza	1 232 (2)
Irlanda	7 391 (2)
Olanda	10 217 (2)
Polonja	1 445 (2)
Portugall	94 (2)
Finlandja	442 (2)
Żvezja	10 580 (2)
Renju Unit	18 253 (2)

	L-ilmijiet tal-Gżejjer Faroe ta' II u Vb, fit-Tramuntana ta' 62° (HER/*25B-F)
Belġju	3
Danimarka	3 712
Ġermanja	650
Spanja	12
Franza	159
Irlanda	960
Olanda	1 329
Polonja	187
Portugall	12
Finlandja	56
Żvezja	1 374
Renju Unit	2 374

(1) Il-qabdiet meħuda minn din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja u tal-Gżejjer Faroe (kwota ta' aċċess). Din il-kwota tista' tinstad fl-ilmijiet tal-KE fit-Tramuntana ta' 62° N.
(2) Meta t-total tal-qabdiet ta' l-Istati Membri kollha jkun laħaq 74 995 tunnellata, m'għandu jkun permess l-ebda qbid ulterjuri."

(b) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Capelin fl-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Capelin *Mallotus villosus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Groenlandja ta' V u XIV CAP/514GRN
L-Istati Membri kollha	0		
KE	28 490 (1) (2)		
TAC	Mhux rilevanti		

(1) Li minnhom 28 490 tunnellata huma allokati lill-Islanda.
(2) Għandu jinstad qabel it-30 ta' April 2007."

(ċ) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Ħalibatt ta' Greenland *Reinhardtius hippoglossoides*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Groenlandja ta' V u XIV GHL/514GRN
Ġermanja	6 718	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
Renju Unit	353		
KE	7 946 (1)		
TAC	Mhux rilevanti		

(1) Li minnhom 800 tunnellata huma allokati lin-Norveġja u 75 tunnellata lill-Gżejjer Faroe."

(d) L-iskrizzjoni li ġejja dwar l-ispeċi Redfish fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II ta' l-ICES għandha tiddaħħal wara l-iskrizzjoni dwar ir-Redfish fl-ilmijiet Norveġiżi ta' I u II:

"**Speċi:**	Redfish *Sebastes spp.*	**Żona:**	L-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II ta' l-ICES RED/1/2INT
KE	Mhux rilevanti (1)	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika.	
TAC	15 500 (2)		

(1) L-attivitajiet tas-sajd għandhom ikunu limitati għal dawk il-bastimenti li qabel kienu involuti f'sajd għar-Redfish fiż-żona Regolatorja tan-NEAFC.
(2) Jista' jinstad fil-perjodu mill-1 ta' Settembru sal-15 ta' Novembru 2007. It-TAC tinkludi l-qabdiet inċidentali kollha."

(e) L-iskrizzjoni dwar l-ispeċi Redfish fl-ilmijiet ta' l-Islanda fiż-żona Va ta' l-ICES għandha tinbidel b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Redfish *Sebastes* spp.	**Żona:**	L-ilmijiet ta' l-Islanda ta' Va RED/05A-IS
Belġju	100 (1) (2)		
Ġermanja	1 690 (1) (2)		
Franza	50 (1) (2)		
Renju Unit	1 160 (1) (2)		
KE	3 000 (1) (2)		
TAC	Mhux rilevanti		

(1) Inklużi l-qabdiet sekondarji inevitabbli (il-merluzz mhux permess).
(2) Li għandhom jinstadu bejn Lulju u Diċembru."

3) Fl-Anness IIA:

(a) Il-punt 10.1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"10.1. Għadd ta' jiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona fejn ikollu abbord kwalunkwe rkaptu msemmi fil-punt 4.1 jista' jkun allokat lil Stati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li seħħew mill-1 ta' Jannar 2002. L-isforz magħmul fl-2001, imkejjel f'jiem kilowatt, tal-bastimenti rtirati li jużaw l-irkaptu rilevanti fiż-żona rilevanti għandu jinqasam bl-isforz magħmul mill-bastimenti kollha li użaw dak l-irkaptu fl-2001. L-għadd ta' jiem addizzjonali mbagħad jiġi kkalkolat permezz tal-multiplikazzjoni tal-proporzjon li tirriżulta, bl-għadd ta' jiem li kienu ġew allokati oriġinarjament.

Kwalunkwe parti ta' jum li tirriżulta minn dan il-kalkolu għandha tiġi aġġustata għall-eqreb jum sħiħ. Dan il-punt m'għandux japplika fejn bastiment ġie mibdul skond il-punt 5.1 jew meta l-irtirar ikun diġà intuża fi snin preċedenti biex jinkisbu jiem miżjuda fuq il-baħar."

(b) Il-punt 22 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"22. **Messaġġi dwar l-isforz tas-sajd**

B'deroga għall-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru ta' ħażniet ta' merluzz (*), il-bastimenti mgħammra b'sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti skond l-Artikolu 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 għandhom jiġu eskluży mill-ħtiġiet ta' tnissil stipulati fl-Artikolu 19c tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2847/93.

(*) ĠU L 70, 9.3.2004, p. 8."

4) Fl-Anness IIB:

(a) It-titolu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"L-ISFORZI TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI FIL-KUNTEST TA' L-IRKUPRU TA' ĊERTI ĦAŻNIET TA' MARLOZZ TAN-NOFSINHAR U AWWISTA TAN-NORVEĠJA FIŻ-ŻONI VIIIc U IXa, ĦLIEF IL-GOLF TA' CADIZ".

(b) Il-punt 9,1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"9.1. Għadd ta' jiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona fejn jkollu abbord kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' l-irkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 3 jista' jkun allokat lil Stati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li saru mill-1 ta' Jannar 2004 jew skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 jew li jirriżultaw minn ċirkostanzi oħrajn debitament motivati mill-Istati Membri. Kwalunkwe bastiment li jista' juri li tneħħa b'mod definit miż-żona jista' wkoll ikun ikkunsidrat. L-isforz li sar fl-2003 mkejjel f'jiem kilowatt, tal-bastimenti rtirati li jużaw l-irkaptu inkwistjoni fiż-żona rilevanti għandu jiġi diviż bl-isforz magħmul mill-bastimenti kollha li użaw dak l-irkaptu tul l-istess sena. L-għadd ta' jiem addizzjonali mbagħad jiġi kkalkolat permezz tal-multiplikazzjoni tal-proporzjon li tirriżulta, bin-numru ta' jiem li kienu ġew allokati oriġinarjament. Kwalunkwe parti ta' jum li tirriżulta minn dan il-kalkolu għandha tiġi aġġustata għall-eqreb jum sħiħ. Dan il-punt m'għandux japplika fejn bastiment ġie mibdul skond il-punt 4.1 jew meta l-irtirar ikun diġà intuża fi snin preċedenti biex jinkisbu jiem miżjuda fuq il-baħar."

(ċ) Il-punt 17 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"17. **Messaġġi dwar l-isforz tas-sajd**

L-Artikoli 19b, 19c, 19d, 19e u 19k tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 għandhom japplikaw għall-bastimenti li jġorru abbord gruppi ta' rkaptu tas-sajd definit fil-punt 3 ta' dan l-Anness u joperaw fiż-żona definita fil-punt 1 ta' dan l-Anness. Bastimenti mgħammra b'sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti skond l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 għandhom ikunu eskluży mill-ħtiġiet ta' tnissil stipulati fl-Artikolu 19c tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2847/93."

5) Fl-Anness IIC:

(a) Il-punt 9.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9.1. Għadd ta' jiem addizzjonali li fihom bastiment jista' jkun preżenti fiż-żona fejn jkollu abbord kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' l-irkaptu tas-sajd imsemmija fil-punt 3 jista' jkun allokat lil Stati Membri mill-Kummissjoni abbażi tal-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd li saru mill-1 ta' Jannar 2004 jew skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 jew li jirriżultaw minn ċirkostanzi oħrajn debitament motivati mill-Istati Membri. Kwalunkwe bastiment li jista' juri li tneħħa b'mod definit miż-żona jista' wkoll ikun ikkunsidrat. L-isforz li sar fl-2003 mkejjel f'jiem kilowatt, tal-bastimenti rtirati li jużaw l-irkaptu inkwistjoni fiż-żona rilevanti għandu jiġi diviż bl-isforz magħmul mill-bastimenti kollha li jużaw dak l-irkaptu tul l-istess sena. L-għadd ta' jiem addizzjonali imbagħad jiġi kkalkolat permezz tal-multiplikazzjoni tal-proporzjon li tirriżulta, bl-għadd ta' jiem li kienu ġew allokati oriġinarjament. Kwalunkwe parti ta' jum li tirriżulta minn dan il-kalkolu għandha tiġi aġġustata għall-eqreb jum sħiħ. Dan il-punt m'għandux japplika fejn bastiment ġie mibdul skond il-punt 4.1 jew meta l-irtirar ikun diġà intuża fi snin preċedenti biex jinkisbu jiem miżjuda fuq il-baħar."

(b) Il-punt 16 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"16. **Messaġġi dwar sforzi tas-sajd**

L-Artikoli 19b, 19c, 19d, 19e u 19k tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 għandhom japplikaw għall-bastimenti li jġorru abbord gruppi ta' rkaptu tas-sajd definit fil-punt 3 ta' dan l-Anness u joperaw fiż-żona definita fil-punt 1 ta' dan l-Anness. Bastimenti mgħammra b'sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti skond l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003 għandhom ikunu eskluži mill-ħtiġiet ta' tnissil stipulati fl-Artikolu 19c tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2847/93."

6) Fl-Anness III:

Il-punt 9.4(a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Għeżula tal-garġi b'qies il-malji daqs jew akbar minn 120 mm u anqas minn 150 mm, sakemm ma jintużawx f'ilmijiet ta' anqas minn 600 metru fond muri fuq il-mappa, ikunu ta' mhux aktar minn 100 malja fond, għandhom proporzjon tad-dendil ta' mhux anqas minn 0.5, u huma armati b'sufruni jew oġġetti oħra li jżommuhom fil-wiċċ. Kull rimja għandha tkun ta' massimu 5 mili nawtiċi fit-tul, u t-tul totali tar-rimjiet kollha użati f'waqt wieħed m'għandux jaqbeż il-25 km għal kull bastiment. Il-ħin massimu fl-ilma għandu jkun ta' 24 siegħa; jew".